MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 467/2005

**Golden Harvest Mfg Co Ltd C176**

**vs**

**Raymond Pullicino**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall hlas tas-somma ta' elfejn u erba' mitt lira Maltin (Lm2,400) lis-socjeta' attrici, liema somma tirraprezenta prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1705/05 u l-interessi legali mid-data tal-konsenja, kontra l-konvenut li gie  ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-1 ta' Marzu, 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------